# ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Lir-Rev. Arċiprieti, Kappillani u Retturi tal-Knejjes u Superjuri Reliġjużi

## RUŻARJU MATUL IX-XAHAR TA' MEJJU

Hija x-xewqa ta' Monsinjur Arċisqof li matul ix-xahar ta' Mejju, iddedikat b'mod speċjali lil Ommna Marija, jingħad kuljum ir-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat espost fil-knejjes fejn tinżamm l-Ewkaristija, kif inhija drawwa li jsir matul ix-xahar ta' Ottubru.

It-Talba tar-Rużarju ssir b'dawn l-intenzjonijiet:

- biex tinstab soluzzjoni ġusta għat-tbatija ta' tant immigranti li qed ifittxu kenn fl-Ewropa, ħafna drabi b'konsegwenzi traġiċi u mwiet;
- biex jieqfu l-persekuzzjonijiet reliġjużi, b'mod speċjali kontra ħutna l-Insara mxerrdin mad-dinja; u
- biex ikun hawn il-paċi fil-pajjżi kollha tad-dinja, b'mod speċjali fl-Afrika.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 29 ta' April 2015.

Lawrence Gatt
Kanċillier

Joe Galea Curmi
Vigarju Ġenerali